# KAPITOLU 200

## ATT DWAR L-ARJA PURA

*Biex jipprovdi għat-tnaqqis tal-kontaminazzjoni ta' l-arja.*

(21 ta' Marzu, 1968)*

(15 ta' April, 1969)#

*L-ATT XVIII ta' l-1967 kif emendat bl-Avviż Legali 148 ta' l-1975; bl-Atti XI ta' l-1977 u VIII ta' l-1990; u bl-Avviż Legali 410 ta' l-2007.*

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att dwar l-Arja Pura. Titolu fil-qosor.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliema ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: XI. 1977.2.*

"il-Bord" tfisser il-Bord dwar l-Arja Pura mwaqqaf bl-artikolu 10 ta' dan l-Att;

"ċumnija" tinkludi kull struttura jew fetħa ta' kull xorta li minnha jew permezz tagħha jista' joħroġ duħħan jew ħaġa oħra estranea għall-arja normali, u riferenzi għal ċumnija ta' bini tinkludi riferenzi għal ċumnija li sservi għall-bini kollu jew għal parti minnu imma tkun strutturalment separata minnu;

"duħħan" tinkludi nigrufum, irmied, ħmieġ u frak ta' ħmieġ li joħroġ mid-duħħan;

"duħħan sewdieni" tfisser duħħan li, jekk ikun paragunat bil-mod xieraq ma' *chart* tat-tip magħruf fid-data meta jgħaddi dan l-Att bħala ir-*Ringelmann Chart*, ikun jidher iswed daqs jew aktar iswed mill-gradazzjoni 2 taċ-*chart*, u tinkludi duħħan li għandu jitqies li jkun sewdieni skond xi metodu ieħor li ma jkunx ir-*Ringelmann Chart* preskritt b'regolamenti magħmula skond l-artikolu 13 ta' dan l-Att sabiex jiġi żgurat jekk duħħan mhux duħħan sewdieni jew le;

"forn" tinkludi kull forma ta' *retort* jew reċipjent użat biex jassoġġetta kombustibbli solidu għal xi proċess li jinvolvi l-applikazzjoni ta' sħana;

"ġurnata" tfisser perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa li jibda min-nofs il-lejl;

"impjant industrjali" tinkludi kull lampik, reċipjent għat-tidwib jew impjant ieħor użat għal xi skopijiet industrjali jew tal-kummerċ, u kull inċineratur użat għal jew in konnessjoni ma' xi skopijiet tali;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika u tinkludi, sal-limitu ta' l-awtorità mogħtija, kull persuna awtorizzata

---

**Ara* l-artikolu 1 ta' l-Att kif oriġinarjament promulgat, li parti minnu ġiet imħollija barra taħt l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, u l-Avviż Legali 25 ta' l-1968.

#*Ara* l-Avviż Legali 29 ta l-1969.

mill-Ministru għal hekk għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att;

"prattikabbli" tfisser prattikabbli raġonevolment wara li jittieħed kont, fost ħwejjeġ oħra, tal-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi lokali, l-implikazzjonijiet finanzjarji u l-istat korrenti tat-tagħrif tekniku, u "mezzi prattikabbli" tinkludi il-provvediment u l-manutenzjoni ta' l-impjant u l-użu tajjeb tiegħu;

"uffiċjal awtorizzat" tfisser uffiċjal pubbliku awtorizzat mill-Ministru, sew b'mod ġenerali sew b'mod speċjali, biex jaġixxi dwar xi ħaġa msemmija f'dan l-Att.

Projbizzjoni ta' duħħan sewdieni minn ċmieni.

**3.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ma għandux joħroġ duħħan sewdieni minn ċumnija ta' xi bini, u jekk, f'xi ġurnata, hekk joħroġ duħħan sewdieni, min jokkupa dak il-bini jkun ħati ta' reat.

(2) Il-ħruġ ta' duħħan minn xi ċumnija li jdum għal mhux aktar minn dawk il-perijodi kif jiġu speċifikati mill-Ministru b'regolamenti magħmula skond l-artikolu 13 ta' dan l-Att ma għandux, f'dawk il-klassijiet ta' każi u salvi dawk il-limitazzjonijiet kif jistgħu jiġu hekk speċifikati, jittieħed ebda kont tiegħu għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(3) F'kull proċeduri dwar reat taħt dan l-artikolu tkun difiża jekk jiġi ippruvat li -

(*a*) il-kontravvenzjoni magħmula kienet saret unikament minħabba xi nuqqas milli taħdem sewwa fornaċi jew apparat użat in konnessjoni ma' fornaċi; u

(*b*) dak in-nuqqas ma setgħax jiġi previst b'mod raġonevoli, jew, jekk previst, ma setgħax jiġi evitat b'mod raġonevoli; u

(*ċ*) il-kontravvenzjoni ma setgħatx b'mod raġonevoli tiġi evitata jew minimizzata b'aġir meħud wara li jkun sar in-nuqqas.

(4) Dan l-artikolu japplika relattivament għal ċumnija li sservi fornaċi ta' xi kaldarun jew impjant industrjali (li jkun kaldarun jew impjant imqiegħed ma' bini jew li jkun għall-mument imwaħħal ma' xi art jew installat fuqha) kif japplika relattivament għal ċumnija ta' bini:

Iżda relattivament għal xi ċumnija tali kif intqal qabel li ma tkunx ċumnija ta' bini, ir-riferenza f'dan l-artikolu għal min jokkupa l-bini għandha tiftiehem bħala riferenza għall-persuna li jkollha l-pussess tal-kaldarun jew ta' l-impjant.

Fornaċi ġodda għandhom ikunu kemm jista' jkun mingħajr duħħan.

**4.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ebda fornaċi ma għandha tiġi installata f'bini jew f'xi kaldarun jew impjant industrjali mqiegħed ma' bini jew imwaħħal għall-mument ma' xi art jew installat fuqha ħlief jekk, safejn ikun prattikabbli, tkun tista' tiġi mħaddma kontinwament mingħajr ma joħroġ duħħan waqt il-ħruq ta' kombustibbli ta' tip li għalih kienet maħsuba l-fornaċi u kull min jinstalla fornaċi bi ksur ta' dan is-subartikolu jew li fuq ordni tiegħu tiġi hekk installata fornaċi ikun ħati ta' reat:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax għal fornaċi li l-

installazzjoni tagħha tkun bdiet, jew li jkun sar ftehim għax-xiri jew għall-installazzjoni tagħha, qabel id-data li fiha jibda jseħħ dan l-Att.

(2) Kull fornaċi installata skond il-pjanti u l-ispeċifikazzjonijiet sottomessi lill-Bord, u approvati għall-finijiet ta' dan l-artikolu minnu, għandha titqies li tħares id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Fornaċi li għaliha s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu japplika ma għandhiex tiġi installata f'bini jew f'xi kaldarun jew impjant tali kif jingħad fl-imsemmi subartikolu (1) ħlief jekk ikun ingħata lill-Bord avviż bil-miktub dwar il-proposta biex tiġi installata, u kull min jinstalla fornaċi bi ksur ta' dan is-subartikolu jew li fuq l-ordni tiegħu fornaċi tkun ġiet hekk installata ikun ħati ta' reat.

(4) Dan l-artikolu ma japplikax għal fornaċi maħsuba unikament għall-użu ta' skopijiet domestiċi, li ma tkunx fornaċi ta' kaldaruni b'kapaċità massima ta' sħana ta' ħamsa u ħamsin elf jew iżjed Unitajiet Termali Britanniċi kull siegħa.

(5) Dan l-artikolu japplika relattivament għat-tqegħid ma' bini ta' kaldarun jew impjant industrjali li ġa jkollu fornaċi jew it-twaħħil ma' l-art jew installazzjoni fuqha ta' xi kaldarun jew impjant tali kif japplika relattivament għall-installazzjoni ta' fornaċi f'xi kaldarun jew impjant industrjali mqiegħed ma' bini jew għal mument imwaħħal ma' xi art jew installat fuqha.

Għandu jiġi minimizzat il-ħruġ ta' ħmieġ u trab minn fornaċi.

**5.** (1) Min jokkupa xi bini li fih tkun użata fornaċi biex taħraq kombustibbli solidu jew *waste* solidu, jew xi bini jew art li fiha jew fuqha jkun użat forn biex jassoġġetta kombustibbli solidu għal xi proċess li jinvolvi l-applikazzjoni ta' sħana, għandu juża kull mezzi prattikabbli li jista' jkun hemm biex inaqqas il-ħruġ ta' ħmieġ u trab minn xi ċumnija li sservi l-fornaċi jew il-forn u jekk jonqos milli jagħmel hekk ikun ħati ta' reat.

(2) Dan l-artikolu japplika relattivament għal fornaċi ta' kull kaldarun jew impjant industrjali (li jkun kaldarun jew impjant imqiegħed ma' bini jew ikun għall-mument imwaħħal jew installat ma' xi art jew fuqha) kif japplika relattivament għal fornaċi f'bini:

Iżda relattivament għal fornaċi li ma tkunx f'bini, ir-riferenza f'dan l-artikolu għal min jokkupa l-bini għandha tiftiehem bħala riferenza għall-persuna li jkollha l-pussess tal-kaldarun jew ta' l-impjant.

(3) Dan l-artikolu ma japplikax għal fornaċi maħsuba unikament għal skopijiet domestiċi, li ma tkunx fornaċi ta' kaldaruni b'kapaċità massima ta' sħana ta' ħamsa u ħamsin elf jew iżjed Unitajiet Termali Britanniċi kull siegħa.

Għoli ta' ċmieni.

**6.** (1) Meta jkun propost li tinbena jew titkabbar ċumnija biex tieħu duħħan, ħmieġ, trab jew gassijiet minn bini, li ma jkunx bini użat jew li għandu jiġi wżat bħala residenza, ħanut jew uffiċċju, ebda ċumnija bħal dik ma għandha tiġi mibnija jew tiġi mkabbra ħlief skond il-pjanti, elevazzjonijiet u sezzjonijiet sottomessi lill-Bord u approvati minnu u li jagħtu dettalji u tagħrif suffiċjenti

dwar iċ-ċumnija, il-bini li għandu jiġi moqdi minnha u r-relazzjoni taċ-ċumnija għall-bini viċin u għal-livelli ta' l-artijiet viċini; u kull min jibni jew ikabbar ċumnija bi ksur ta' dan is-subartikolu jew li fuq l-ordni tiegħu tiġi hekk mibnija jew imkabbra ċumnija jkun ħati ta' reat.

(2) Il-Bord ma għandux japprova l-pjanti, l-elevazzjonijiet u s-sezzjonijiet sottomessi skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ħlief jekk ikun sodisfatt illi l-għoli taċ-ċumnija kif muri fihom ikun biżżejjed biex jiġi evitat, safejn ikun prattikabbli, id-duħħan, ħmieġ, trab jew gassijiet milli jkunu ta' ħsara għas-saħħa jew ta' inkonvenjent wara li jittieħed kont ta' -

(*a*) l-iskop taċ-ċumnija;

(*b*) il-posizzjoni u d-deskrizzjoni tal-bini ta' ħdejha;

(*ċ*) il-livelli ta' l-art viċina;

(*d*) kull ħaġa oħra li teħtieġ konsiderazzjoni fiċ-ċirkostanzi.

Tneħħija ta' inkonvenzjenzi ta' duħħan.
*Emendat: VIII. 1990.3; A.L. 410 ta' l-2007.*

**7.** (1) Duħħan, barra minn -

(*a*) duħħan li joħroġ minn ċumnija ta' dar ta' l-abitazzjoni privata; jew

(*b*) duħħan sewdieni li joħroġ minn ċumnija ta' bini jew minn ċumnija li sservi għall-fornaċi ta' kaldarun jew ta' impjant industrjali mqiegħed ma' bini jew li jkun għall-mument imwaħħal ma' jew installat fuq xi art,

għandu, jekk ikun, sew minħabba l-kwantità tiegħu jew xort'oħra, inkonvenjent għall-abitanti tal-viċinanzi, li jitqies li jkun inkonvenjent statutarju għall-finijiet ta' dan l-Att.

(2) Jekk il-Bord ikun sodisfatt li jkun sar inkonvenjent statutarju għandu jinnotifika b'avviż (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "avviż ta' tneħħija") lil kull persuna li bl-aġir, nuqqas jew tolleranza tagħha jinħoloq jew jitkompla l-inkonvenjent jew, jekk dik il-persuna ma tkunx tista' tinstab, lil kull sid ta' jew lil kull min ikun jokkupa l-lokal jew l-art fejn jinħoloq l-inkonvenjent, li bih jordnalu jneħħi l-inkonvenjent u biex jesegwixxi dawk ix-xogħlijiet u jieħu dawk il-passi li jkunu meħtieġa għal dak l-iskop.

(3) Jekk xi persuna li tkun notifikata b'avviż ta' tneħħija tonqos milli tħares xi waħda mill-ħtiġiet ta' l-avviż, jew jekk l-inkonvenjent, għalkemm ikun imneħħi jew ikun waqaf, ikun, fil-fehma tal-Bord, aktarx li ser jerġa' jsir fl-istess lokal jew art, il-Bord jista' joħroġ ċitazzjoni permezz tal-Pulizija Esekuttiva u jitlob lil kull persuna li tkun ġiet notifikata bl-avviż biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

(4) Jekk fis-smigħ tal-kawża jiġi pruvat li l-inkonvenjent allegat jeżisti, jew jekk għalkemm imnaqqas jew ikun waqaf huwa aktarx jerġa' jsir fuq l-istess lokal jew art, il-qorti għandha tagħmel ordni għal wieħed jew għaż-żewġ skopijiet li ġejjin:

(*a*) li jeħtieġ lill-imputat biex iħares il-ħtiġiet kollha ta' l-avviż ta' tneħħija jew biċċa minnhom, jew xort'oħra biex ineħħi l-inkonvenjent, fi żmien speċifikat fl-

ordni, u biex jesegwixxi kull xogħlijiet meħtieġa għal hekk;

(*b*) li jipprojbixxi r-rikorrenza ta' l-inkonvenjent u jeħtieġ lill-imputat, fi żmien speċifikat fl-ordni, biex jesegwixxi kull xogħlijiet meħtieġa biex tiġi evitata rikorrenza,

u tista' wkoll twaħħal lill-imputat multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).

(5) Ordni magħmul mill-qorti skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għandu jipprovdi wkoll għall-imposizzjoni ta' ammenda ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħams a u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li matulha l-imputat jonqos milli jħares, jew jikser, l-ordni wara li jiskadi ż-żmien speċifikat fl-ordni.

(6) Meta ordni magħmul mill-qorti skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jipprojbixxi r-rikorrenza ta' inkonvenjent, l-imputat fil-proċeduri li fihom isir l-ordni jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) jekk l-inkonvenjent jirrikorri bl-aġir, nuqqas jew tolleranza tiegħu.

(7) Meta inkonvenjent statutarju jidher li jkun kaġunat għal kollox jew in parti bl-att jew nuqqasijiet ta' żewġ persuni jew iżjed, jistgħu jsiru proċeduri skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu kontra kull wieħed minnhom, jew kontra kollha jew kontra xi tnejn jew iżjed minnhom; u, bla ħsara ta' dawk id-disposizzjonijiet, kull waħda jew iżjed minn dawk il-persuni li tkun ittieħdet proċedura kontra tagħha tista' tiġi ordnata biex tneħħi l-inkonvenjent, safejn jidher lill-qorti li jkun sar bl-atti jew nuqqasijiet tagħha jew tagħhom, jew tista' tiġi projbita milli tkompli xi atti jew nuqqasijiet li, fl-opinjoni tal-qorti, jikkontribwixxu għall-inkonvenjent, jew tista' tiġi mmultata, għalkemm l-atti jew nuqqasijiet ta' xi waħda minn dawk il-persuni ma kienux separatament jikkaġunaw inkonvenjent.

(8) F'kull proċeduri skond dan l-artikolu tkun difiża għall-imputat li jipprova illi l-aħjar mezzi prattikabbli kienu saru biex jiġi evitat l-inkonvenjent.

(9) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu avviż ta' tneħħija għandu jitqies li jkun ġie notifikat jekk ikun ġie konsenjat, jew mibgħut bil-posta, lill-persuna li għandha tiġi notifikata b'dak l-avviż u, jekk mibgħut bil-posta, għandu, jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju, jitqies li ġie riċevut fil-ġurnata li taħbat minnufih wara dik li fiha jiġi impustat.

**8.** (1) L-artikolu 3 ta' dan l-Att għandu japplika relattivament għall-bastimenti fl-ibħra li għalihom japplika dan l-artikolu kif japplika relattivament għal bini, iżda bħallikieku minflok ir-riferenzi għal min jokkupa l-bini kien hemm riferenzi għas-sid tal-bastiment u għall-kaptan jew uffiċjal ieħor jew persuna oħra inkarigata minnu, u bħallikieku riferenzi għal fornaċi kienet tinkludi riferenzi għal makna ta' bastiment. Bastimenti.

(2) Ħlief kif provdut f'dan l-artikolu, fil-paragrafu (*ċ*) tas-subartikolu (1) u fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13, ebda ħaġa

f'dan l-Att ma tapplika għal duħħan, ħmieġ jew trab minn xi bastiment.

(3) L-ibħra li għalihom japplika dan l-artikolu huma l-ibħra kollha navigabbli li jinsabu f'xi port jew bajja f'Malta.

Fondi u bastimenti tal-Gvern. *Emendat: A.L. 148 ta' l-1975.*

**9.** (1) Ikun parti mid-dmirijiet ta' uffiċjal awtorizzat, f'każijiet fejn jidhirlu xieraq li jagħmel hekk, li jirrapporta lill-Bord xi każijiet ta' -

(*a*) ħruġ ta' duħħan sewdieni jew ta' ħmieġ jew trab, minn xi lokal li jkun taħt il-kontroll ta' xi dipartiment tal-Gvern u li jkun okkupat għal xi wieħed mill-iskopijiet ta' xi dipartiment tal-Gvern; jew

(*b*) ħruġ ta' duħħan, sew duħħan sewdieni jew le, minn xi lokal tali kif intqal qabel li jidhirlu li jikkostitwixxi inkonvenjent lill-abitanti tal-viċinanza; jew

(*ċ*) ħruġ ta' duħħan sewdieni minn xi bastiment proprjetà tal-Gvern għall-iskopijiet tal-forzi armati tiegħu jew minn xi bastiment fis-servizz tal-Gvern waqt li jkun imqabbad għall-iskopijiet li ntqalu qabel, li jidhirlu li jikkostitwixxi dak l-inkonvenjent kif intqal qabel;

u meta jirċievi xi rapport bħal dak il-Bord għandu jindaga dwar iċ-ċirkostanzi u, jekk l-istħarriġ juri li hemm raġuni għall-ilment, għandu jġib il-kwistjoni għall-attenzjoni ta' l-uffiċjal inkarigat mid-dipartiment b'talba biex jieħu l-miżuri kollha prattikabbli biex jevita jew jimminimizza l-ħruġ ta' duħħan, ħmieġ jew trab jew biex ineħħi l-inkonvenjent u jevita r-rikorrenza tiegħu, skond il-każ.

(2) Il-fatt illi jkun hemm f'xi lokal interess tal-Gvern ma għandux jolqot l-applikazzjoni ta' dan l-Att għal dak il-lokal sakemm dak l-interess ma jkunx l-interess ta' min jokkupa l-lokal, u dan l-Att għandu jkollu effett skond hekk relattivament għal-lokal, u għal dak l-interess u għall-interessi l-oħra kollha fih.

(3) L-artikolu 8 ta' dan l-Att għandu, bl-ommissjoni tar-riferenza fis-subartikolu (1) tiegħu għas-sid, japplika għall-bastimenti ta' proprjetà tal-Gvern, iżda ma għandux japplika għall-bastimenti ta' proprjetà tal-Gvern għall-iskopijiet tal-forzi armati tiegħu jew għall-bastimenti fis-servizz tal-Gvern waqt li jkunu mqabbdin għall-iskopijiet imsemmija qabel.

Bord dwar l-Arja Pura.

**10.** (1) Għandu jkun hemm Bord, li jkun magħruf bħala l-Bord dwar l-Arja Pura, li jkun nominat mill-Ministru u li jkun jikkonsisti f'mhux anqas minn ħamsa u mhux iżjed minn disa' membri, li minnhom wieħed ikun nominat mill-Ministru bħala ċ-*Chairman* tal-Bord.

(2) Tkun il-funzjoni tal-Bord li jaqdi kull att meħtieġ li jiġi moqdi minnu skond dan l-Att u li -

(*a*) iżomm taħt eżami l-progress magħmul fit-tnaqqis tal-kontaminazzjoni ta' l-arja f'Malta;

(*b*) jikseb il-parir ta' persuni li jkollhom tagħrif speċjali, esperjenza jew responsabbiltà relattiva għat-tħaris mill-kontaminazzjoni ta' l-arja;

(*ċ*) jagħti parir lill-Ministru fuq kull ħaġa li jidhirlu xieraq li jirriferixxi lill-Bord għall-parir.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel provvediment dwar il-proċeduri tal-Bord u kull ordni tali jista' jiġi mibdul jew imħassar b'ordni sussegwenti; iżda sakemm ma jkunx hemm xi provvediment tali, il-Bord jista' jirregola l-proċeduri tiegħu.

(4) Il-Ministru għandu jinnomina wkoll persuna biex tagħmilha ta' segretarju tal-Bord.

Setgħat ta' uffiċjali awtorizzati.

**11.** (1) Uffiċjal awtorizzat ikun jista' sabiex jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi regolament, avviż jew ordni, magħmul jew mogħti bis-saħħa ta' dan l-Att, ikunu qed jiġu mħarsa -

(*a*) fil-ħinijiet kollha raġonevoli jidħol liberament u mingħajr avviż preċedenti f'kull lokal jew post ieħor, jew jitla' abbord ta' bastiment, li jkollu raġuni ġusta li jaħseb li xi waħda mid-disposizzjonijiet imsemmija qabel tapplika għalih:

Iżda uffiċjal awtorizzat m'għandux jidħol f'ebda lokal użat bħala residenza ħlief jekk ikun ingħata pre-avviż ta' erbgħa u għoxrin siegħa dwar id-dħul maħsub lil min ikun jokkupa l-lokal jew jekk dan l-okkupant jagħti l-kunsens għal dak id-dħul;

(*b*) jagħmel f'xi lokal, post jew bastiment tali, kull eżami jew indaġni li jqis meħtieġ għal xi wieħed mill-iskopijiet imsemmija qabel;

(*ċ*) jeħtieġ minn kull persuna dak it-tagħrif (li ma jkunx tagħrif li jista' jinkrimina lill-persuna li tagħtih) li jqis meħtieġ għal xi wieħed mill-iskopijiet imsemmija qabel;

u kull min volontarjament ifixkel, jimpedixxi jew idewwem uffiċjal awtorizzat fl-esekuzzjoni tas-setgħat tiegħu skond dan l-artikolu, jew li volontarjament jonqos milli jagħti t-tagħrif meħtieġ minn uffiċjal awtorizzat skond dan l-artikolu jew li jagħti lil dak l-uffiċjal xi tagħrif illi jkun jaf li ma jkunx veru, ikun ħati ta' reat.

(2) Uffiċjal awtorizzat għandu jiġi mogħti ċertifikat dwar l-awtorità tiegħu biex jaġixxi skond dan l-Att u, meta jitlob li jidħol f'xi lokal, post jew bastiment għall-finijiet ta' dan l-Att, għandu, jekk hekk meħtieġ, jipproduċi l-imsemmi ċertifikat.

Kxif mhux ġustifikat ta' tagħrif.

**12.** Jekk xi ħadd jikxef xi tagħrif dwar xi proċess ta' manifattura jew sigriet kummerċjali wżat fit-tmexxija ta' xi impriża partikolari li jkun ingħata lilu jew ġie miksub minnu skond dan l-Att jew in konnessjoni ma' l-esekuzzjoni tiegħu, ikun ħati ta' reat ħlief jekk il-kxif ikun sar -

(*a*) bil-kunsens tal-persuna li tkun tmexxi dik l-impriża; jew

(*b*) in konnessjoni ma' l-esekuzzjoni ta' dan l-Att; jew

(*ċ*) għall-finijiet ta' xi proċeduri legali li jsiru minħabba

dan l-Att jew ta' xi rapport ta' dawk il-proċeduri.

Setgħa li jagħmel regolamenti.
*Emendat: A.L. 410 ta' l-2007.*

**13.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jingħata effett lil kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u, mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak ta' qabel, biex -

(*a*) jippreskrivi jew jispeċifika xi ħaġa li għandha tkun, jew li tista' tkun, preskritta jew speċifikata skond dan l-Att;

(*b*) jagħmel provvediment għat-teħid u reġistrazzjoni ta' qisien minn żmien għal żmien tad-duħħan li joħroġ minn xi ċumnija;

(*ċ*) jikkontrolla l-ħruġ minn xi ċumnija ta' dak id-duħħan jew ħaġa oħra li tista' tikkontamina l-arja jew tista' tkun ta' preġudizzju għas-saħħa jew tista' tikkostitwixxi inkonvenjent.

(2) Kull regolament magħmul skond dan l-artikolu jista' jipprovdi li kull min jikser jew jonqos milli jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet tiegħu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, pieni li ma jeċċedux ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) jew multa ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u relattivament għal reat kontinwu ammenda ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat.

Pieni.
*Emendat: A.L. 410 ta' l-2007.*

**14.** (1) Min ikun ħati ta' reat skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, barra mis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 u mill-artikolu 7, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81):

Iżda min ikun ħati ta' reat skond l-artikolu 12 ta' dan l-Att jeħel dik il-multa kif intqal qabel jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Min ikun ħati ta' reat skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65).

(3) Meta xi ħadd jiġi misjub ħati ta' reat skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, il-qorti tista', mingħajr preġudizzju tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew tad-disposizzjonijiet ta' xi regolament magħmul kif intqal qabel, iżda bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att, tordna lill-ħati biex ineħħi l- inkonvenjent jew l-inkonvenjenza li tinħoloq mir-reat, jew, skond iċ-ċirkostanzi, biex jesegwixxi l-liġi, fi żmien, biżżejjed għal dak l-iskop, li jiġi stabbilit mill-qorti, u jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni tali fiż-żmien hekk stabbilit, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jiskadi dak iż-żmien.

Reati minn korpi ta' persuni.

**15.** Meta min ikun ħati ta' reat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikun korp ta' persuni, kull min, fiż-żmien ta' l-egħmil tar-

reat, kien direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal simili ta' dak il-korp ta' persuni jew kien jidher li qiegħed jaġixxi f'xi kariga tali għandu jitqies li jkun ħati ta' dak ir-reat jekk ma jippruvax illi dak ir-reat kien ġie magħmul mingħajr ma kien jaf u li eżerċita d-diliġenza kollha xierqa biex evita l-egħmil tar-reat.

Applikazzjoni ta' l-Att għall-fran ta' tisjir.

**16.** Dan l-Att ma japplikax għall-fran ta' tisjir eżistenti meta jibda jseħħ dan l-Att ħlief jekk u sakemm il-Ministru, b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, jordna li għandu japplika għal dawk il-fran ta' tisjir.